MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 27/2026-9**

**L-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**27.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Kulħadd kien preżenti, għalhekk ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji

**27.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 27/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

27.2.2 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 27/2026-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**27.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-Sindku rringrazzja lil kull min ħadem sabiex l-Batterija tal-Qbajjar tgħaddi f'idejn din l-Art Ħelwa u propona li għandha ssir laqgħa magħhom sabiex naraw il-Kunsill kif jista' jiġi involut u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jkompli jgħati l-kontribut tiegħu.

27.3.2 Is-Sindku informa lil membri li grazzi għal Ministeru għal Għawdex, il-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilmu u l-Enemalta inbeda ix-xogħol tant bżonnjuż f'parti minn Triq il-Qbajjar, Marsalforn.

27.3.3 Is-Sindku rringrazzja lil Eco Gozo għal fatt li ser ikun qed jinbena ix-xogħol fuq Ġnien it-Tlett Għoljiet.

27.3.4 Informa lil membri li l-Kunsill applika għal fondi li nħarġu mill-ERA sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji li ġew ikkawżati minn *storm Harry*. Kompla jgħid ill wara laqgħa li attenda fuq l-*illegal waste dumping* l-ERA ser ikunu qed jinfurzaw aktar fuq dan l-abbuż u mistenni li jkun hawn aktar infurzar biex jieqfu l-abbużi.

27.3.5 Informa lil membri preżenti li ser ikun qed jinbeda x-xogħol fuq l-Iskola Primarja fix-xhur li ġejjin u propona li sakemm isir ix-xogħol, il-librerija tiġi spostjata għal bini tal-Kunsill. Il-membri qablu.

27.3.6 Is-Sindku nforma lil membri li parti mill-PVC railing li kien sar, inġarr bil-maltempata u għalhekk propona li minflok issir xi ħaġa aktar soda. Il-membri qablu.

27.3.7 Il-membri ġew infurmati illi t-tabib li qed jopera fil-berġa taż-Żebbuġ ser jieqaf mix-xogħol. Is-Sindku qal li instabu żewġ tobba oħra li ser ikunu qed joperaw kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f'Marsalforn.

27.3.8 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex l-Kunsill japplika għal finanzjament fuq Skema li ħareġ ir-Reġjun Għawdex għas-sena tal-Gastronomija. Il-membri qablu li jsir workshop ta' tisjir – preparazzjoni ta' ikel tradizzjonali fosthom il-ftira Għawdxija u l-imqaret fi Pjazza l-Assunta fis-26 t'April 2026. Il-proċess tradizzjonali tal-produzzjoni tal-ġobon tan-ngħaġ f'Ottubru 2026. Il-proċess tal-kultivazzjoni tal-melħ f'Ottubru 2026. Workshop immirat għat-tfal 'Creative Drawing, Clay and Painting Workshops fid-dar 'Riħ id-Deheb' f'Ġunju 2025 u lectures tematicvi fuq l-ikel, l-istorja, l-arti u l-ispiritwalita' b'enfasi fuq l-Għażżiela f'Settembru 2026.

27.3.9 Informa lil membri li l-Kunsill applika wkoll sabiex issir l-attivita' Minn Pjazza għal Pjazza, liema attivita' ssir b'kollaborazjoni sħiħa mad-Dipartiment għal Gvern Lokali. Kompla jgħid li l-Kunsill qed jistenna l-eżitu ta' l-applikazzjoni.

27.3.10 Informa lil membri illi kellhom jsiru t-tiswijiet fil-fanali ta' Triq Santa Marija billi nbiddel il-*wiring* kollu.

27.3.11 Is-Sindku nforma lil membri illi tkellem ma dawk kollha li għandhom interess fuq il-parkeġġ riservat għal persuni b'disabilita' fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella u għalhekk kien hemm qbil li tiġi spostjata u ppersonalizzata u minflokha jsiru il-linji sofor. Il-membri qablu.

27.3.12 Propona u l-membri qablu li jiżdiedu l-qsar bis-siġar taż-żebbuġ fi Triq il-Knisja faċċata tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku propona li għandha wkoll ssir bankina, *livell tat-triq* Il-membri qablu. *Qablu wkoll li ma għandhux jintilef parkeġġ*

27.3.13 Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsill irċieva proposta mill-Kunsill tar-Rabat Għawdex fuq il-proġett GovTech4All – Malta Local Councils AI Pilot call sabiex il-Kunsill jidħol partners magħhom. Il-membri qablu.

27.3.14 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi fi Triq Mons. De Piro qed ikun hemm problema tat-traffiku kull nhar ta' Sibt. Propona u l-membri qablu li jinżebgħu l-*yellow lines* fil-kantuniera fejn l-MSSP u fi Triq Fra Baskal Farrugia.

27.3.15 Peress li inzerta l-maltemp meta kienet ser ssir il-Ħarġa f'Malta għar-residenti, is-Sindku propona u l-membri qablu li ssir fit-8 t'April 2026 ma' tal-Parroċċa.

27.3.16 Is-Sindku nforma lil membri illi kellu laqgħa ma TM rigward rotta ġdida lejn l-inħawi tal-Ponta. Qal illi sabiex tkun possibbli hemm bżonn li jitneħħew xi parkeġġi kif ukoll ir-rotta l-ġdid tkun tinkludi lil Ta' Pinu. Propona u l-membri qablu li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti f'dan ir-rigward qabel ma tiġi implimentata.

27.3.17 Informa lil membri li t-trakk taż-żibel qed isib problemi f'Marsalfron biex ikun jista' jgħaddi speċjalment fiTriq ta' Barda u Triq il-Forn. Qed isiru taħdidiet ma' TM u r-Reġjun t'Għawdex dwar l-implimentazzjoni ta' tabelli u sinjali.

## 27.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

27.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

27.4.1.1 Il-Viċi Sindku wassal ukoll ir-ringrazzjamenti tiegħu rigward il-Batterija tal-Qbajjar. Fost l-oħrajn irringrazzja lil Kabinett, lil Din l-Art Ħelwa, lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar kif ukoll lil Avukati tal-Kunsill Dr. Mario Scerri u Dr Chris Said fejn qal li dawn kollha ħadmu biex jaraw li din il-Batterija terġa tingħata lura lil pubbliku.

27.4.1.2 Irringrazzja lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, lil Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma u lil Enemalta għal bdil tas-servizzi u kisi ta' Triq il-Qbajjar. Appella lil Ministeru għal Għawdex sabiex mill-aktar fis possibbli jitranġaw Triq Għajn Mhelhel u Triq ta' Ċenċ għal ġid tal-pubbliku.

27.4.1.3 Talab sabiex jinbena ħajt ta' għalqa fi Triq ta' Milied. Qal li l-materjal għal dan il-ħajt ser ikun qed jingħata mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsill kull ma għandu bżonn hu li jibgħat ħaddiem sabiex jibnih. Peress li kien hemm diġà talba mal-PA taħt Article 70, il-Kunsill għandu jistaqsi lil Perit jekk il-Kunsill ikunx jista' jmexxi. Kien hemm qbil bejn il-membri illi jekk kemm il-darba kull min għandu r-raba hemm jaqbel ma dan, tinħareġ offerta fuq it-taħmil u l-bini tal-ħajt u l-Perit joħroġ BOQ.

27.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera, Dott Marlene Cini*

27.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini rreċiprokat r-ringrazzjamenti tagħha bħal kollegi sħaba rigward il-Batterija tal-Qbajjar.

27.4.2.2 Talbet sabiex tingħata *timeline* meta hi mistenniha titlesta' Triq ir-Rabat/Triq Marsalforn. Is-Sindku nfurmha li qed isiru laqgħat kull nhar ta' Ġimgħa pero' l-Kunsill ġie mistieden jattendi darba biss minħabba *ż-zebra crossing* ta' Triq ir-Rabat.

27.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier, Nicky Saliba*

27.4.3.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba informa lil membri li hemm problema b'ilma ħiereġ f'Ta' Ċikku. Il-membri qablu li għandha tinstab soluzzjoni biex tissolva din il-problema.

27.4.3.2 Talab sabiex fir-rampa li kienet infetħet fi Triq Wied l-Abjad isirilha ftit siment. Il-membri qablu.

27.4.3.3 Staqsa rigward il-Playing Field Tal-Virtut. Is-Sindu infurmah illi l-Kunsill ibbenifika minn €30,000 minn fondi tad-Direttorat għal Gvern Lokali u qed jistenna l-eżitu tar-riżultat għal fondi li applika taħt il-GAGF u dan sabiex ikun jista' jmexxi sabiex jinħarġu l-offerti.

27.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier, Mario Portelli*

27.4.4.1 Il-Kunsillier Mario Portelli ġibed l-attenzjoni illi fejn il-Marsalforn Hotel fi Triq ir-Rabat qed ikun hemm ħafna boroż taż-żibel. Is-Sindku nfurmah illi ser tkun qed teħel CCTV però qed jistenna risposta mill-Association ta' Tritons Court sabiex jkunu jistgħu jagħtu *supply* tad-dawl minn naħħa tagħhom.

27.4.4.2 Talab sabiex it-tabella 'Merħba fiż-Żebbuġ' li hemm fi Triq l-Imgħallem titranġa. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tikkomunika ma' l-HSBC.

## 27.5 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2025;*

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-*Unaudited Financial Statements 2025* lil membri tal-Kunsill għal approvazzjoni tagħhom. L-*accountant* ingħaqad permezz ta' kollegament telefoniku fil-4.42pm sabiex ikun jista' jagħti spjegazzjoni dettaljata qabel jiġu approvati. Wara spjegazzjoni, l-membri qablu li dawn jiġu approvati. Ġew approvati ukoll mill-membri l-*Quarter Financial Statements - Q4 tal-2025* wara spjegazzjoni mill-*accountant.*

## 27.6 Approvazzjoni tal-Baġit Annwali 2026;

26.6.1 L-*accountant* ta ukoll spjegazzjoni tal-baġit annwali preparat. Il-membri qablu li dan ukoll jiġi approvat.

26.6.2 L-accountant ħareġ mill-kollegament telefoniku fil-4.50pm.

## 27.7 Skemi maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

Ġew preżentati l-iskemi maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali tas-sena 2026.

27.7.1 SPI/SCI/01/2026 – Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 – Data ta' l-għeluq 14 t'April 2026. Is-Sindku propona u l-membri qablu illi għal din l-iskema l-Kunsill jerġa' japplika għal *Funland Thursdays* fil-front ta' Marsalforn, liema attivita' tkun mifruxa fuq disa' darbiet matul ix-xhur tas-Sajf. Qablu wkoll li l-Kunsill joħroġ il-persentaġġ tiegħu għal din l-iskema skond kif hemm mitlub fil-linji gwida.

27.7.2 SPI/SCI/02/2026 – Finazjament – Lokalitajiet aktar nodfa 2026 – Data ta' l-għeluq 8 ta' Mejju 2026. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li minn din l-iskema l-Kunsill għandu japplika sabiex jinxtraw il-boroż tar-riċeklaġġ sabiex jitqassmu lir-residenti kif ukoll mutur tal-ħaxix.

27.7.3 SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament Milied 2026 – Data ta' l-għeluq 29 ta' Mejju 2026. Il-membri qablu illi l-Kunsill japplika sabiex terġa tiġi organizzata n-*Natale Sul Colle* bħas-sena li għaddiet. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% mill-fondi tiegħu għal din l-attivita' li tkun mifruxa fuq diversi ġranet.

27.7.4 SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali – Data ta' l-għeluq 26 ta' Ġunju 2026. Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill japplika għar-riġenerazzjoni tal-Ġnien ta' Triq il-Wied f'Marsalforn. Il-Perit għandu jħejji l-pjanti u l-BOQ neċessarji. Qablu wkoll li l-Kunsill jiffinanzja 15% mill-fondi tiegħu.

27.7.5 SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita' – Data ta' għeluq 24 ta' Lulju 2026. Is-Sindku informa lil membri illi peress li ser tibda' r-riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Assunta, l-Kunsill għandu japplika sabiex isebbaħ ukoll l-entratura ta' l-istess Pjazza. Il-Kunsill diġà għandu l-pjanti u l-BOQs meħtieġa, u għalhekk huwa rakkomandat li wieħed jimxi fuqhom. Il-membri qablu mal-proposta tas-Sindku fejn qablu wkoll illi l-Kunsill jiffinanzja 15% mill-fond tiegħu għal dan il-proġett.

27.7.6 SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament Karnival 2027 – Data ta' għeluq 28 ta' Awwissu 2026. Is-Sindku propona u l-membri qablu illi l-Kunsill għandu japplika sabiex jiġi organizzat il-Karnival fiż-Żebbuġ u parata f'Marsalforn. Il-Kunsill għal din l-iskema lest ukoll li jiffinanzja l-15% mill-fond tiegħu.

## 27.8 Jum iż-Żebbuġ

Rigward l-attivitajiet ta' Jum iż-Żebbuġ, il-membri qablu hekk:

Il-Ġimgħa, 24 ta' April 2026 issir is-Serata ta' l-Għoti ta' Ġieħ iż-Żebbuġ fil-Każin tal-Banda.
Is-Sibt, 25 ta' April 2026 issir quddies ta' radd il-ħajr fil-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn.
Il-Ħadd, 26 ta' April 2026 issir Attivita' fi Pjazza l-Assunta għal familja kollha.
It-Tlieta, 28 ta' April 2026 issir quddies ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali Santa Marija Assunta – Żebbuġ.

Is-Sindku propona u l-membri qablu illi din is-sena Ġieħ iż-Żebbuġ għandu jingħata lil Mons. Dun Gwann Sultana li serva bħala Arċipriet għal dawn l-aħħar seba' snin u illi għamel seba' proġetti maġġuri fil-Knisja. Is-Sindku propona wkoll u kien hemm qbil illi jiġu rikonoxxuti l-individwi li jagħtu kontribut fl-għaqdiet tar-raħal. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Nicky Saliba pproponew illi s-serata ssir Villa Fiorita iżda ma kinx hemm qbil.

**27.9** **Materji Oħra**

27.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi ġiet infurmata mill-Bank of Valletta illi s-servizz tan-*night safe* ser ikun qed jiġi sospiż. Il-membri qablu illi l-Kunsill japplika għal card tal-VISA sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddepożita' l-flus mill-ATM fuq l-Account tal-Kunsill, kif ukoll din il-VISA card tkun tista' tintuża għas-subscription. Il-Kunsilliera, Dott Marlene Cini proponiet ukoll illi l-Kunsill jibda' juża is-servizz tas-City Security. Il-membri qablu.

27.9.2 Talba minn Otters ASC sabiex issir *sports day* fl-inħawi ta' Marsalforn fis-7 ta' Ġunju 2026. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

27.9.3 Ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill u d-Dipartiment għal Gvern Lokali li l-Annimal Welfare Office tal-Kunsill tiġi fuq kuntratt indefinit. Il-Kunsill hu infurmat illi l-paga tagħha xorta ser tibqa' tiġi *rembursed* mid-DLG.

27.9.4 Proposta mill-GRDA sabiex jiġu nstallati l-*Bicycle Racks* fil-lokalita'. Il-membri qablu li għandhom jiġu nstallati dawn fit-triq ta' wara l-Knisja Parrokkjali, fil-Bajja tax-Xwejni, fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade, Triq Santa Marija in-naħħa tal-kiosk, il-Menqa fejn l-Għassa tal-Pulizija, fejn il-Ġnien ta' Triq il-Wied u fi Triq Għar Qawqla.

27.9.5 Ġew preżentati 2 kwotazzjonijiet għal 3 *seater benches* sabiex jitpoġġew fi Pjazza l-Assunta. L-irħas stima hi ta' €850 VAT eskluża. Il-membri qablu.

27.9.6 Talba sabiex issir 1m *double yellow line* ma' ġenb ta' garaxx fi Triq San Mikiel. Il-membri qablu li jsir ma naħħa waħda.

27.9.7 Korrispondenza mibgħuta minn stazzjoni televiżiv Portugiz fejn talbu kuntatt għal persuna li tgħix iż-Żebbuġ u li qed tfittxu oħtu. Peress li din hi materja kunfidenzjali u sensittiva, fil-5.17pm il-laqgħa ġiet sospiża. Wara diskussjoni qasira, il-laqgħa reġgħet bdiet fil-5.22pm. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat għal persuna kkonċernata.

27.9.8 C. Vella talab sabiex jinbena ħajt ta' għalqa fi Triq is-Salini. Il-Kunsill diġà għamel talba fuq is-sistema tal-Gozo LC Works però għadha ma' ġietx approvata. Il-membri talbu sabiex jintbgħatu ritratti sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu.

27.9.9 Talba għal bankina ta' V. Camilleri fi Triq il-Mitħna. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi diġà saret talba fuq is-sistema tal-Gozo LC Works għal materjal.

27.9.10 Talba sabiex issir *Car Show* f'Lulju mill-Għaqda ta' l-armar fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal *Gozo Cultural Funds.*

27.9.11 Talba sabiex jiġi nstallat *dog bin* fejn tal-Virtut. Il-membri qablu.

## 27.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21/2026 għall-perjodu ta' Marzu 2026 li tammonta għal €56,704.13c ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 27.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.35 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta' April 2026 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv